A.L. 198 tal-2011

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI U L-PRIVATEZZA TAD-*DATA* (KAP. 440)
Regolamenti tal-2011 dwar Proċessar ta' *Data* Personali (Koperazzjoni mill-Pulizija u Ġudizzjarja f'Materji Kriminali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 5 u 54(m) tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern wara konsultazzjoni mal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data*, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u dħul fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tal-2011 dwar Proċessar ta' *Data* Personali (Koperazzjoni mill-Pulizija u Ġudizzjarja f'Materji Kriminali).

(2) Dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att Dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*; Kap. 480.

"awtoritajiet nazzjonali kompetenti" tfisser il-Pulizija, id-Dwana, l-awtoritajiet Ġudizzjarji u awtoritajiet nazzjonali oħra li huma awtorizzati bil-liġi nazzjonali biex jipproċessaw *data* personali għall-finijiet ta' koperazzjoni mill-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali;

"il-Kummissarju" tfisser il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data*, maħtur taħt l-artikolu 36 tal-Att;

"riferiment" tfisser l-immarkar ta' *data* personali maħżuna mingħajr l-għan li jiġi limitat l-ipproċessar tagħhom fil-futur; u

"ssir anonima" tfisser il-modifika ta' *data* personali b'dak il-mod li d-dettalji dwar ċirkostanzi personali jew materjali ma jkunux jistgħu jiġu aktar attribwiti jew ikunu jistgħu jiġu attribwiti biss b'investiment sproporzjonat ta' żmien, nefqa u xogħol lil persuna fiżika identifikata jew li tista' tiġi identifikata.

(2) It-tifsiriet li jinsabu fl-artikolu 2 tal-Att għandhom japplikaw għal dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem

ma teħtieġx xort'oħra u mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (1).

Għan u kamp ta' applikazzjoni.

3. (1) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi, u b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-privatezza, fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali fil-qafas ta' koperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali, provdut fit-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, filwaqt li jiġi garantit livell għoli ta' sigurtà pubblika.

(2) Skont dan ir-regolament, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jipproteġu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi, u b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-privatezza meta, għall-fini tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-esekuzzjoni ta' pieni kriminali, id-*data* personali:

(a) tkun trasmessa jew ġiet trasmessa jew ssir disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra jew lill-awtoritajiet jew sistemi ta' informazzjoni mwaqqfa abbażi tat-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; jew

(b) tiġi jew tkun ġiet riċevuta mingħand awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra jew minn awtoritajiet jew permezz ta' sistemi ta' informazzjoni stabbiliti abbażi tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

(3) L-Att għandu jiġi estiż biex japplika għall-ipproċessar imsemmi fis-subregolamenti (1) u (2), daqstant kemm hu provdut f'dawn ir-regolamenti.

Prinċipji ta' legalità, proporzjonalità u fini.

4. (1) Id-*data* personali tista' tinġabar biss mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-finijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi fil-qafas tal-kompiti tagħhom u tista' tiġi biss ipproċessata għall-istess fini li għalih tkun inġabret id-*data*. L-ipproċessar ta' *data* għandu jkun legali u adegwat, rilevanti u mhux eċċessiv f'relazzjoni għall-finijiet li tinġabar għalihom.

(2) Aktar ipproċessar għal xi għan ieħor għandu jkun biss permess jekk:

(a) ma jkunx inkompatibbli mal-finijiet li għalih tkun inġabret id-*data*;

(b) l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma awtorizzati jipproċessaw dik id-*data* għal dak il-għan ieħor kif

hemm fil-liġi nazzjonali li tapplika; u

(ċ) l-ipproċessar huwa meħtieġ u proporzjonat għal dak il-għan l-ieħor.

(3) L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu wkoll jipproċessaw aktar id-*data* personali għall-finijiet storiċi, statistiċi jew xjentifiċi, sakemm dawn jipprovdu salvagwardji xierqa, bħal ma huma dawk li d-*data* ssir anonima.

Rettifika, tħassir u mblukkar.

5. (1) Id-*data* personali għandha tiġi rettifikata jekk din ma tkunx preċiża u, meta jkun possibbli u meħtieġ, kompletata jew aġġornata.

(2) Id-*data* personali għandha titħassar jew ssir anonima meta ma tkunx aktar meħtieġa għall-finijiet li għalihom tkun inġabret leġittimament jew tkun leġittimament ipproċessata aktar. L-arkivjar ta' dik id-*data* f'sett ta' *data* separata għall-perjodu stabbilit skont il-liġi nazzjonali m'għandux jiġi affettwat b'din id-disposizzjoni.

(3) Id-*data* personali għandha tiġi mblukkata minflok ma titħassar jekk hemm bażi raġonevoli biex jiftiehem li t-tħassir jista' jaffettwa l-interessi leġittimi tas-suġġett tad-*data*. Id-*data* mblukkata għandha tiġi pproċessata biss għall-fini li tkun ipprevjeniet it-tħassir tagħha.

(4) Meta d-*data* personali tkun tinsab f'deċiżjoni jew inkartament ġudizzjarju relatat mal-ħruġ ta' deċiżjoni ġudizzjarja, ir-rettifika, it-tħassir jew l-imblukkar għandhom jitwettqu skont ir-regoli nazzjonali dwar proċedimenti ġudizzjarji.

Termini perentorji għat-tħassir u r-reviżjoni stabbiliti.

6. Għandhom jiġu stabbiliti termini perentorji adatti għat-tħassir ta' *data* personali jew għal reviżjoni perjodika tal-ħtieġa ta' ħżin tad-*data*. Miżuri proċedurali għandhom jiżguraw li dawn it-termini perentorji jiġu osservati.

Data personali sensittiva.

7. L-ipproċessar ta' *data* personali sensittiva għandu jkun permess biss meta dan ikun strettament meħtieġ u bla ħsara għal salvagwardji xierqa kif provdut jew kif jiġi stipulat fil-liġi nazzjonali.

Deċiżjonijiet individwali awtomatizzati.

8. Deċiżjoni li tipproduċi effett legali kuntrarju għas-suġġett tad-*data* jew li taffettwah b'mod konsiderevoli u li hija bażata unikament fuq ipproċessar ta' *data* awtomatizzat maħsub biex jevalwa ċerti aspetti personali relatati mas-suġġett tad-*data,* għandha tkun permessa biss jekk tkun awtorizzata minn liġi li tistabbilixxi wkoll miżuri għas-salvagwardja tal-interessi leġittimi tas-suġġett tad-*data*.

Verifika tal-kwalità ta' *data* li tinġabar jew ssir disponibbli.

9. (1) L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jieħdu l-passi kollha raġonevoli biex jipprovdu li *data* personali li ma tkunx preċiża, kompleta jew ma tkunx ġiet aġġornata ma tiġix trasmessa jew ssir disponibbli. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom, sa fejn ikun prattikabbli, jivverifikaw il-kwalità tad-*data* personali qabel ma din tintbagħat jew ssir disponibbli. Sa fejn huwa possibbli, fit-trasmissjonijiet kollha ta' *data*, għandha tiżdied dik l-informazzjoni disponibbli li tkun tippermetti lill-awtorità tal-Istat Membru destinatarju tevalwa l-grad ta' preċiżjoni, il-kompletezza, l-aġġornament u l-affidabbiltà.

(2) Jekk jirriżulta li tkun ġiet trasmessa *data* mhux preċiża, jew li tkun ġiet trasmessa *data* b'mod mhux leġittimu, id-destinatarju għandu jiġi avżat mingħajr dewmien. Id-*data* għandha tiġi rettifikata, imħassra jew imblukkata mingħajr dewmien skont ir-regolament 5.

(3) Meta *data* personali tkun intbagħtet lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mingħajr talba speċifika, dawk l-awtoritajiet li jkunu qegħdin jirċievu l-informazzjoni għandhom jivverifikaw mingħajr dewmien jekk din id-*data* hijiex meħtieġa għall-fini li għalih tkun intbagħtet.

Termini perentorji.

10. (1) Mat-trasmissjoni tad-*data* jew meta d-*data* ssir disponibbli, l-awtorità li tittrasmetti tista' b'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha u skont ir-regolamenti 5 u 6, tindika t-termini perentorji biex tinżamm d-*data*, u meta dawn jiskadu, id-destinatarju għandu jħassar jew jimblokka d-*data* jew jirrevedi jekk din tkunx għadha meħtieġa jew le. Dan l-obbligu m'għandux ikun japplika jekk, fil-ħin tal-iskadenza ta' dawn it-termini perentorji, id-*data* tkun meħtieġa għal xi investigazzjoni attwali, prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew infurzar ta' pieni kriminali.

(2) Meta l-awtorità li tittrasmetti ma tkunx indikat termini perentorji skont is-subregolament (1), għandhom japplikaw it-termini perentorji imsemmija fir-regolamenti 5 u 6 għaż-żamma tad-*data* kif provdut taħt il-liġi nazzjonali tal-awtorità li tkun qegħda tirċievi l-informazzjoni.

Reġistrazzjoni u dokumentazzjoni.

11. (1) L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li t-trasmissjonijiet kollha ta' *data* personali għandhom ikunu reġistrati jew dokumentati għall-finijiet ta' verifika tal-legalità tal-ipproċessar tad-*data*, awto-monitoraġġ u li tiġi żgurata l-integrità u s-sikurezza xierqa tad-*data*.

(2) Ir-reġistri jew id-dokumentazzjoni mħejjija taħt is-subregolament (1) għandhom jiġu komunikati lill-Kummissarju biex jikkontrolla l-protezzjoni tad-*data*. Il-Kummissarju għandu juża din l-informazzjoni biss biex jikkontrolla l-protezzjoni tad-*data* u biex ikun

żgurat l-ipproċessar adatt tad-*data* kif ukoll l-integrità u s-sikurezza tad-*data*.

Data personali li tkun waslet minn Stat Membru ieħor.

12. (1) Id-*data* personali li tkun waslet jew li ġiet disponibbli mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor tista', f'konformità mal-ħtiġiet tar-regolament 4(2), tiġi aktar proċessata minn awtorità nazzjonali kompetenti biss għall-finijiet li ġejjin minbarra dawk li għalihom din tkun ġiet trasmessa jew saret disponibbli:

(a) il-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-esekuzzjoni ta' pieni kriminali minbarra dawk li għalihom din tkun ġiet trasmessa jew saret disponibbli;

(b) proċedimenti ġudizzjarji u amministrattivi oħra li jkollhom x'jaqsmu direttament mal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-esekuzzjoni ta' pieni kriminali;

(ċ) il-prevenzjoni ta' xi theddida immedjata u serja għas-sigurtà pubblika; jew

(d) għal kull għan ieħor biss bil-kunsens minn qabel tal-awtorità li tittrasmetti jew bil-kunsens tas-suġġett tad-*data*, mogħti f'konformità mal-liġi nazzjonali.

(2) L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu wkoll jipproċessaw aktar id-*data* personali trasmessa mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra għal finijiet storiċi, statistiċi jew xjentifiċi, sakemm l-Istati Membri jipprovdu salvagwardji xierqa, bħal ma huma dawk li d-*data* ssir anonima.

Restrizzjonijiet fl-ipproċessar.

13. (1) Meta jipproċessaw *data* personali li tkun oriġinat minn awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw konformità ma' restrizzjonjiet ta' proċessar speċifiċi applikabbli taħt il-liġi tal-awtorità li tkun qegħda tittrasmetti.

(2) Meta *data* personali trasmessa minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti tkun soġġetta għal restrizzjonijiet speċifiċi ta' proċessar taħt il-liġi nazzjonali, l-awtorità kompetenti nazzjonali li tkun qegħda tipprovdi l-informazzjoni għandha tinforma lill-awtorità destinatarja b'dawk ir-restrizzjonijiet.

(3) Meta jkun qed jiġi applikat is-subregolament (2), l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti m'għandhomx japplikaw restrizzjonijiet dwar trasmissjonijiet ta' *data* lil awtoritajiet

kompetenti fi Stati Membri oħra jew lil aġenziji jew korpi stabbiliti skont it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ħlief dawk applikabbli għal trasmissjonijiet ta' *data* nazzjonali bħal dawk.

Trasferiment lill-awtoritajiet kompetenti fi Stati Terzi jew lil korpi internazzjonali.

14. (1) L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jipprovdu li d-*data* personali trasmessa jew magħmula disponibbli mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor tista' tiġi trasferita lil Stati terzi jew lil korpi internazzjonali biss jekk:

(a) din tkun meħtieġa għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-esekuzzjoni ta' pieni kriminali;

(b) l-awtorità destinatarja fl-Istat terz jew il-korp internazzjonali destinatarju jkunu responsabbli għall-prevenzjoni, investigazzjoni, skoperta jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-esekuzzjoni ta' pieni kriminali;

(ċ) l-awtorità tal-Istat Membru li mingħandu tkun inkisbet id-*data* tat il-kunsens tagħha għat-trasferiment f'konformità mal-liġijiet nazzjonali relattivi; u

(d) l-awtorità tal-Istat terz jew il-korp internazzjonali involut jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni għall-ipproċessar ta' *data* maħsub.

(2) Għandu jkun permess biss it-trasferiment mingħajr kunsens minn qabel skont is-subregolament (1)(ċ) jekk it-trasferiment tad-*data* jkun essenzjali għall-prevenzjoni ta' xi theddida immedjata u serja għas-sikurezza pubblika ta' Stat Membru jew ta' xi Stat terz jew għall-interessi essenzjali ta' xi Stat Membru u l-kunsens minn qabel ma jkunx jista' jinkiseb fi żmien debitu. L-awtorità responsabbli biex tagħti l-kunsens tagħha għandha tiġi mgħarrfa mingħajr dewmien.

(3) B'deroga mis-subregolament (1)(d), id-*data* personali tista' tiġi trasferita jekk:

(a) xi waħda jew aktar mill-kondizzjonijiet stabbiliti taħt l-artikolu 28 tal-Att jiġu milħuqa, b'mod partikolari jekk:

(i) it-trasferiment ikun neċessarju minħabba l-interessi leġittimi speċifiċi tas-suġġett tad-*data*; jew

(ii) it-trasferiment ikun neċessarju minħabba fl-interessi leġittimi prevalenti, speċjalment interessi pubbliċi importanti; jew

(b) l-Istat terz jew il-korp internazzjonali destinatarju jipprovdi għal salvagwardji li jitqiesu xierqa mill-Kummissarju skont l-artikolu 28(3) tal-Att.

(4) L-adegwatezza tal-livell ta' protezzjoni msemmi fis-subregolament (1)(d) għandu jkun valutat skont l-artikolu 27(2) tal-Att.

Trasmissjoni lil partijiet privati fl-Istati Membri.

15. (1) Meta *data* personali tkun waslet mingħand jew saret disponibbli minn awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru ieħor, l-awtorità nazzjonali kompetenti destinatarja tal-informazzjoni tista' tittrasmetti dik id-*data* lil partijiet privati biss jekk:

(a) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru minn fejn tkun inkisbet id-*data* jkunu taw il-kunsens tagħhom għat-trasmissjoni f'konformità mal-liġi nazzjonali relattiva;

(b) ebda interess leġittimu speċifiku tas-suġġett tad-*data* ma jkun jipprevjeni t-trasmissjoni; u

(ċ) f'każijiet partikolari t-trasferiment ikun essenzjali għall-awtorità kompetenti nazzjonali li tkun qegħda tittrasmetti d-*data* lil parti privata:

(i) għat-twettiq ta' kompitu li jkun ġie assenjat lilha leġittimament;

(ii) għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-esekuzzjoni ta' pieni kriminali;

(iii) għall-prevenzjoni ta' theddid immedjat u serju għas-sikurezza pubblika; jew

(iv) għall-prevenzjoni ta' ħsara serja għad-drittijiet ta' individwi.

(2) L-awtorità nazzjonali kompetenti li tkun qegħda tittrasmetti d-*data* lil parti privata għandha tgħarraf lil din tal-aħħar bil-finijiet li għalihom dik id-*data* tista' tintuża b'mod esklussiv.

(3) Id-destinatarju għandu, meta ssirlu talba, jgħarraf lill-awtorità kompetenti nazzjonali li tkun ittrasmettiet jew għamlet disponibbli d-*data* personali bl-ipproċessar li jkun qed isirilha.

Informazzjoni għas-suġġett tad-*data*.

16. (1) Is-suġġett tad-*data* jkollu d-dritt li jkun infurmat bil-ġbir jew bl-ipproċessar tad-*data* personali mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, skont l-artikolu 19 tal-Att. L-informazzjoni

għandha tkun soġġetta għall-eżenzjonijiet provduti taħt l-artikolu 23 tal-Att.

(2) Meta *data* personali tkun ġiet trasmessa jew tkun saret disponibbli bejn awtorità kompetenti nazzjonali u awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista', skont id-disposizzjonijiet msemmija fis-subregolament (1), titlob li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor ma tgħarrafx lis-suġġett tad-*data*.

(3) Skont il-proċedura msemmija fis-subregolament (2), l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti fi skambji ta *data* ma' awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra, jistgħu wkoll ikunu mitluba mingħand dawk l-awtoritajiet tal-aħħar, biex ma jipprovdux informazzjoni lis-suġġett tad-*data*. F'dak il-każ l-awtorità kompetenti nazzjonali m'għandhiex tgħarraf lis-suġġett tad-*data* mingħajr il-kunsens minn qabel tal-awtorità l-oħra li tkun għamlet it-talba.

Dritt ta' aċċess.

17. (1) Kull suġġett tad-*data* għandu jkollu d-dritt li jitlob aċċess għall-informazzjoni li tkun proċessata dwaru minn awtorità nazzjonali kompetenti. Din it-talba għandha tiġi preżentata skont l-artikolu 21 tal-Att.

(2) L-awtorità nazzjonali kompetenti li tirċievi t-talba għandha tipprovdi lis-suġġett tad-*data* b'informazzjoni skont l-artikolu 21(2) tal-Att.

(3) L-informazzjoni msemmija fis-subregolament (2), tista' tkun soġġetta għal restrizzjonijiet skont l-artikolu 23 tal-Att, u biex ikun evitat li jiġu mfixkla inkjesti, investigazzjonijiet jew proċeduri uffiċjali jew legali, sakemm:

(a) dik ir-restrizzjoni tkun tikkostitwixxi miżura meħtieġa u proporzjonata, u dan b'kont debitu meħud tal-interessi leġittimi tal-persuna involuta; u

(b) f'każ ta' restrizzjoni, is-suġġett tad-*data* għandu jkun intitolat li jirċievi konferma mingħand il-Kummissarju li jkunu seħħew il-verifiki kollha meħtieġa.

(4) Kull rifjut jew restrizzjoni għall-aċċess għandha ssir bil-miktub lis-suġġett tad-*data*. Fl-istess ħin, ir-raġunijiet fattwali jew legali li fuqhom tkun bażata d-deċiżjoni għandhom jiġu wkoll komunikati lilu. Din il-komunikazzjoni tal-aħħar tista' titħalla barra meta r-rifjut jew ir-restrizzjoni jkunu seħħew skont is-subregolament (3), u meta l-għoti ta' informazzjoni fuq ir-raġunijiet fattwali jew legali, jistgħu jippreġudikaw lill-awtorità kompetenti nazzjonali milli teżerċita' xi kompitu legali kif mfisser fl-artikolu 23 tal-Att. F'dawn

il-każijiet kollha s-suġġett tad-*data* għandu jkun avżat li huwa jista' jappella lill-Kummissarju jew li jikseb rimedju ġudizzjarju jew legali mill-Qorti kompetenti.

Dritt għal rettifika, tħassir jew imblukkar.

18. (1) Is-suġġett tad-*data* għandu jkollu d-dritt li jitlob rettifika, tħassir jew imblukkar ta' *data* personali li ma tkunx ġiet ipproċessati b'konformità ma' dawn ir-regolamenti u b'mod partikolari mar-regolamenti 5, 9 u 10.

(2) L-awtorità nazzjonali kompetenti li tkun qed tipproċessa l-informazzjoni għandha tivverifika jekk it-talba tas-suġġett tad-*data* tkunx ġustifikata, u tiżgura li jittieħdu l-miżuri meħtieġa skont l-artikolu 22 tal-Att.

(3) Jekk tiġi kontestata l-eżattezza dwar partita ta' *data* personali mis-suġġett tad-*data* u dik l-eżattezza jew ineżattezza dwarha ma tkunx tista' tiġi aċċertata, jista' jsir riferiment għal dik il-partita ta' *data*.

(4) Meta l-awtorità kompetenti nazzjonali tirrifjuta rettifika, tħassir jew imblukkar, ir-rifjut għandu jiġi komunikat bil-miktub lis-suġġett tad-*data* li għandu jiġi mgħarraf li jista' jappella lill-Kummissarju jew jikseb rimedju ġudizzjarju jew legali mill-Qorti kompetenti.

Dritt ta' appell.

19. (1) Meta l-aċċess, ir-rettifika, l-imblukkar jew it-tħassir jiġu rifjutati jew ristretti, is-suġġett tad-*data* jkollu d-dritt jappella quddiem il- Kummissarju fi żmien tletin jum minn meta jiġi mgħarraf s-suġġett tad-*data*, bid-deċiżjoni jew minn meta seta' raġonevolment jitqies li sar jaf biha.

(2) Meta jkun qed jitratta appell, il-Kummissarju għandu jirrevedi d-deċiżjoni u jgħarraf lis-suġġett tad-*data* b'dik ir-reviżjoni u jekk l-awtorità kompetenti nazzjonali tkunx aġixxiet b'mod xieraq jew le.

Kumpens għad-danni.

20. (1) Meta suġġett tad-*data* jkun sofra dannu b'riżultat ta' operazzjoni ta' proċessar illeġittimu jew ta' xi att inkompatibbli ma' dawn ir-regolamenti, huwa jkollu dritt jeżerċità azzjoni għad-danni skont l-artikolu 46 tal-Att.

(2) Meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun destinatarja ta' *data* personali trasmessa minn xi awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor, l-ewwel awtorità destinatarja ma tistax, fil-kuntest tar-responsabbiltà tagħha lejn il-parti milquta, issemmi bħala difiża li d-*data* trasmessa ma kinitx eżatta. Jekk l-awtorità nazzjonali kompetenti tħallas kumpens għal dannu kaġunat bl-użu ta' *data* mhux trasmessa korrettament, din ikollha jedd titlob lura l-ammont imħallas

f'danni, mingħand l-awtorità kompetenti li tkun responsabbli għat-trasmissjoni mhux korretta, b'kont meħud ta' kull żball li jista' jkun hemm min-naħa tal-awtorità kompetenti nazzjonali nnifisha.

(3) Meta jiġi ppruvat li l-awtorità nazzjonali kompetenti tittrasmetti *data* mhux korretta, u b'riżultat ta' dan, is-suġġett tad-*data* jsofri danni, li jiġu mbagħad kumpensati mill-awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor bħala d-destinatarja tal-informazzjoni, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandu jkollha r-responsabbiltà li tirrifondi l-ammont imħallas bħala kumpens.

Kunfidenzjalità tal-ipproċessar.

21. (1) Kull persuna li għandha aċċess għal *data* personali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti tista' tipproċessa dik id-*data* biss jekk dik il-persuna hija membru ta', jew taġixxi fuq l-istruzzjonijiet tal-awtorità nazzjonali kompetenti, sakemm ma tkunx meħtieġa tagħmel dan bil-liġi.

(2) Il-persuni li jaħdmu għal awtorità kompetenti nazzjonali għandhom ikunu marbuta bir-regoli kollha għall-protezzjoni tad-*data* li japplikaw għall-awtorità kompetenti in kwistjoni kif ukoll b'kull liġi oħra jew strument legali ieħor vinkolanti li jirregola l-kunfidenzjalità u s-segretezza applikabbli għall-kariga uffiċjali tagħhom.

Sikurezza tal-ipproċessar.

22. (1) L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jipproteġu d-*data* personali kontra l-qerda aċċidentali jew illeġittima jew it-telf aċċidentali, alterazzjoni, żvelar jew aċċess mhux awtorizzati, b'mod partikolari meta l-ipproċessar jinvolvi t-trażmissjoni fuq *network* jew id-disponibbiltà bl-għoti ta' aċċess awtomatizzat dirett, u kontra kull xorta illegali oħra ta' proċessar, waqt li jitqiesu b'mod partikolari r-riskji rappreżentati bl-ipproċessar u x-xorta tad-*data* li tkun ser tiġi protetta. Waqt li jitqiesu l-aħħar żviluppi u l-ispiża tal-implimentazzjoni tagħhom, dawk il-miżuri għandhom jiżguraw livell ta' sikurezza xieraq għar-riskji rappreżentati bl-ipproċessar u x-xorta tad-*data* li ser tiġi protetta.

(2) Fir-rigward tal-ipproċessar awtomatizzat tad-*data* l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jimplimentaw miżuri mfassla sabiex:

(a) jiċħdu l-aċċess minn persuni mhux awtorizzati għat-tagħmir li jipproċessa d-*data* użat għall-ipproċessar ta' *data* personali (kontroll tal-aċċess għat-tagħmir);

(b) jipprevjenu l-qari, l-ikkupjar, il-modifika jew it-tneħħija mhux awtorizzati tal-medja tad-*data* (kontroll tal-medja tad-*data*);

(ċ) jipprevjenu d-dħul mhux awtorizzat ta' *data* u l-ispezzjoni, il-modifika jew it-tħassir mhux awtorizzati ta' *data* personali maħżuna (kontroll tal-ħażna);

(d) jimpedixxu l-użu ta' sistemi awtomatizzati ta' proċessar ta' *data* minn persuni mhux awtorizzati bl-użu ta' tagħmir għall-komunikazzjoni tad-*data* (kontroll tal-utent);

(e) jiżguraw li l-persuni awtorizzati biex jużaw sistema awtomatizzata ta' proċessar ta' *data* jkollhom aċċess biss għad-*data* koperta bl-awtorizzazzjoni għall-aċċess li jkollhom (kontroll tal-aċċess għad-*data*);

(f) jiżguraw li jkun possibbli li jiġi verifikat u stabbilit lil liema korpi tkun intbagħtet jew saret disponibbli jew tista' tintbagħat jew ssir disponibbli *data* personali bl-użu ta' tagħmir għall-komunikazzjoni tad-*data* (kontroll tal-komunikazzjoni);

(ġ) jiżguraw li jkun sussegwentement possibbli li jiġi verifikat u stabbilit liema *data* personali tkun ddaħħlet f'sistemi awtomatizzati ta' proċessar tad-*data* u meta u minn min tkun iddaħħlet dik id-*data* (kontroll tad-dħul);

(ħ) jimpedixxu l-qari, l-ikkupjar, il-modifika jew it-tħassir mhux awtorizzati ta' *data* personali waqt it-trasferimenti tad-*data* personali jew waqt it-trasportazzjoni tal-medja tad-*data* (kontroll tat-trasportazzjoni);

(i) jiżguraw li s-sistemi installati jistgħu, fil-każ ta' interruzzjoni, jiġu ristawrati (irkupru);

(j) jiżguraw li l-funzjonijiet tas-sistema jaħdmu sew, li s-sejbien ta' żbalji fil-funzjonijiet jiġi rappurtat (affidabbiltà) u li d-*data* maħżuna ma tistax tiġi mħassra permezz ta' funzjonament ħażin tas-sistema (integrità).

(3) Meta l-awtorità nazzjonali kompetenti taħtar proċessur biex jaġixxi għan-nom tagħha fil-kuntest tat-tifsira tal-artikolu 25 tal-Att, dak il-proċessur jista' jinħatar biss jekk jiggarantixxi li josserva l-miżuri tekniċi u organizzattivi rikjesti meħtieġa taħt is-subregolament (1) u jikkonforma ruħu mal-istruzzjonijiet tal-awtorità nazzjonali kompetenti skont ir-regolament 21. L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tissorvelja lill-proċessur f'dawk l-aspetti.

(4) Id-*data* personali tista' tiġi proċessata minn proċessur biss abbażi ta' kuntratt bil-miktub jew kull att legali ieħor jistipola regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-*data* applikabbli għall-ipproċessar

tad-*data* li tkun ingħatatat.

Notifika tal-ipproċessar tad-data.

23. (1) L-ipproċessar tad-*data* personali għal finijiet ta' dawn ir-regolamenti, għandu jkun soġġett għall-obbligi tan-notifika stabbiliti taħt l-artikolu 29 tal-Att.

(2) Konformi mas-subregolament (1), l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom javżaw lill-Kummissarju bil-proċessi tad-*data* personali. Dak l-avviż għandu jispeċifika d-dettalji msemmija fl-artikolu 29(3) tal-Att.

Konsultazzjoni minn qabel.

24. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jikkonsultaw mal-Kummissarju, qabel ma jipproċessaw *data* personali li tkun ser tagħmel parti minn sistema ġdida ta' arkivjar li tkun ser tinħoloq meta:

(a) trid tiġi proċessata *data* personali sensittiva; jew

(b) it-tip ta' proċessar, partikolarment bl-użu ta' teknoloġiji, mekkaniżmi jew proċeduri ġodda, ikun jinvolvi riskji speċifiċi ta' xort'oħra għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, u partikolarment għall-privatezza tas-suġġett tad-*data*.

Sorveljanza indipendenti.

25. (1) Il-Kummissarju għandu jkun responsabbli għas-sorveljanza indipendenti kif ukoll biex jagħti pariri u jissorvelja kif jiġu applikati dawn ir-regolamenti.

(2) Sabiex jiżgura konformità ma' dawn ir-regolamenti il-Kummissarju għandu jeżerċital-istess funzjonijiet u setgħat kif mogħtija lilu taħt l-Att.

(3) Konfermement mas-subregolament (2), il-Kummissarju jista' jimponi pieni kif stipulat fl-Att jew kif jistgħu jkunu ordnati permezz ta' regolamenti speċifiċi li jistabbilixxu pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi li għandhom jiġu imposti fil-każ ta' ksur tal-istess Att u tar-regolamenti magħmula taħtu.

Relazzjoni ma' strumenti ta' ftehim ma' Stati terzi.

26. (1) Id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti huma mingħajr ħsara għal kull obbligazzjoni u impenn li jorbot lil Malta bis-saħħa ta' strumenti ta' ftehim bilaterali u, jew multilaterali ma' Stati terzi li kienu fis-seħħ fil-waqt li ġew adottati dawn ir-regolamenti.

(2) Meta fl-applikazzjoni ta' dawn l-istrumenti ta' ftehim bilaterali u, jew multilaterali, awtorità nazzjonali kompetenti tittrasferixxi lil Stat terz, *data* personali li tkun inkisbet minn Stat Membru ieħor, dak it-trasferiment għandu jirrispetta r-regolament

14(1)(ċ) jew (2), kif ikun adatt.

(3) Minkejja s-subregolamenti (1) u (2), l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, għandhom sa fejn ikun possibli, jimplimentaw miżuri kuntrattwali xierqa biex jiżguraw li t-trasferiment ta' *data* personali lil stati terzi li jirriżulta mill-obbligi internazzjonali ta' Malta, ikun jipprovdi livell adegwat ta' protezzjoni tad-*data*.

(4) Il-miżuri kuntrattwali msemmija fis-subregolament (3) għandhom ikunu jifformaw parti mill-ftehim bilaterali jew multilaterali f'każ li dan jerġa jiġi negozjat, jew jistgħu jiġu implimentati separatament mill-istrument bilaterali jew multilaterali, sakemm dawk il-miżuri ma jkunux inkonsistenti ma dawk li jinsabu fil-ftehim eżistenti.

(5) Qabel ma jimplimentaw xi miżuri kuntrattwali hekk kif imfisser fis-subregolament (3), l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jippreżentaw dawk il-miżuri lill-Kummissarju għall-approvazzjoni tiegħu.

Relazzjoni ma' atti tal-Unjoni adottati qabel.

27. Meta f'atti, adottati taħt it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti u li jirregolaw l-iskambju ta' *data* personali li jinvolvu l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, jew l-aċċess għal dawk l-awtoritajiet maħtura għas-sistemi ta' informazzjoni stabbiliti konformement mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ikunu ġew introdotti kondizzjonijiet speċifiċi dwar l-użu ta' dik id-*data*, dawn il-kondizzjonijiet għandu jkollhom preċedenza fuq id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti dwar l-użu ta' *data* skambjata ma' Stati Membri oħra.

Test Ingliż jipprevali.

28. F'każ ta' konflitt bejn it-test Malti u dak Ingliż f'dawn ir-regolamenti, jipprevali t-test Ingliż.